



Il-Lussemburgu, it-13 ta' Ottubru 2022

## Rapport Annwali 2021 L-10 mistoqsijiet l-aktar frekwenti

### 1. X'inhuwa r-rwol tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fir-rigward tal-kontijiet tal-UE?

Kull sena, aħna **nivverifikaw il-kontijiet konsolidati tal-UE u nipprovdu opinjoni** dwar tliet kwistjonijiet: jekk il-kontijiet ikunux affidabbli, u jekk id-dħul tal-UE ġiex riċevut u l-pagamenti sarux skont ir-regoli. Dawn il-kontrolli jiffurmaw il-bażi għad-**dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni** tagħna, li aħna meħtieġa nipprovdu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Fl-2021, l-infiq tal-baġit tal-UE ammonta għal **EUR 181.5 biljun**, li jirrappreżenta 1.3 % tal-introjt nazzjonali gross ikkombinat tal-Istati Membri tal-UE. B'kont meħud tal-infiq mill-fondi assenjati għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (EUR 46.5 biljun), il-pagamenti mill-UE fl-2021 ammontaw għal total ta' EUR 228.0 biljun.

### 2. L-infiq mill-pakkett tal-UE għall-irkupru mill-pandemija, kif inhuwa rifless fir-rapport annwali?

In-NextGenerationEU (NGEU) huwa pakkett finanzjarju li jinkludi diversi programmi li jappoġġaw lill-Istati Membri tal-UE fl-irkupru ekonomiku tagħhom wara l-pandemija tal-COVID-19. Xi wħud minn dawn il-programmi huma ffinanzjati taħt l-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021-2027 u jsegwu l-mudell ta' implimentazzjoni u r-regoli għall-QFP. Min-naħa l-oħra, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), li tirrappreżenta madwar 90 % tal-finanzjament taħt l-NGEU titwassal b'mod li huwa fundamentalment differenti minn dak tal-infiq tal-baġit tal-UE taħt il-QFP. Filwaqt li l-benefiċjarji tal-infiq tal-baġit tal-UE jitħallsu talli jkunu wettqu ċerti attivitajiet jew jiġu rrimborżati għall-ispejjeż imġarrba, taħt l-RRF, l-Istati Membri jitħallsu għall-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti jew il-miri predefiniti. Għalhekk, għall-ewwel darba, aħna pprovdejna **opinjoni separata dwar l-infiq taħt l-RRF** minbarra li ddedikajna kapitolu għalih fir-rapport annwali.

### 3. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri xi kkonkludiet fl-2021?

Aħna ċċertifikajna l-kontijiet għall-2021 bħala **affidabbli** (tajna opinjoni "favorevoli"), bħalma għamilna għal kull sena finanzjarja mill-2007 'l hawn. Ikkonkludejna li l-kontijiet għall-2021 ippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-UE, ir-riżultati tagħha għal dik is-sena, il-flussi tal-flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti tagħha.

Aħna sibna li d-dħul kien ħieles minn żball materjali. Għall-infiq, aħna nipprovdu żewġ opinjonijiet separati: waħda dwar il-baġit tal-UE, u oħra dwar l-RRF.

Il-livell ta' żball stmat fl-infiq tal-baġit tal-UE kien f'rata ta' 3.0 %. Dan jirrappreżenta żieda meta mqabbel mal-2019 u l-2020, meta kien 2.7 %. Bħal fis-sentejn preċedenti, aħna kkonkludejna li l-iżball kien pervażiv, u għalhekk tajna **opinjoni avversa**.

Għall-ewwel darba, ħriġna opinjoni separata għall-infiq taħt l-RRF. L-opinjoni tagħna tkopri l-pagament uniku li sar lill Stat Membru fl-2021 (Spanja). Filwaqt li sibna li stadju importanti wieħed ma kienx intlaħaq bis-sħiħ, aħna nqisu li l-impatt relatat ma kienx materjali, u għalhekk ħriġna **opinjoni favorevoli**.

#### 4. Xi jfisser il-livell ta' żball stmat minna?

Iċ-ċifra ta' 3.0 % tirrappreżenta l-istima li wettaqna tal-**ammont ta' flus li ma kellhomx jitħallsu** mill-baġit tal-UE minħabba li, fil-fehma tagħna, ma ntefqux la skont ir-regoli tal-UE u lanqas skont ir-regoli nazzjonali speċifiċi fl-Istati Membri.

Żbalji tipiċi jinkludu pagamenti lil beneficijarji ineliġibbli jew lil proġetti ineliġibbli, jew pagamenti għal xiri ta' servizzi, beni jew investimenti mingħajr l-applikazzjoni korretta tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku.

#### 5. Dan ifisser li nħlew 3.0 % ta' flus l-UE?

**Le.** Dan mhuwiex preċiżament il-każ, minħabba li hemm differenza sinifikanti bejn "żball" u "ħela". Fl-ittestjar li wettaqna fuq il-baġit tal-UE, aħna niverifikaw jekk flus l-UE jkunux intefqu skont ir-regoli, jekk l-ispejjeż iddebitati jkunux ġew ikkalkulati b'mod korrett, u jekk il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà jkunux ġew issodisfati. Jekk wieħed minn dawn ir-rekwiżiti jew aktar ma jkunx ġie ssodisfat, aħna nsejnhulu "żball". Hekk tfisser iċ-ċifra ta' 3.0 %.

Filwaqt li dawn l-iżbalji jinvolvu pagamenti għal proġetti jew beneficijarji li ma kinux jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, xorta jistgħu jipprovdu l-benefiċċji intenzjonati. F'din is-sitwazzjoni, il-pagamenti kienu parzjalment legali u regolari jew xejn affattu, iżda **ma jistgħux jitqiesu bħala ħela**. Pereżempju, aħna awditjajna proġett ta' assistenza ta' emerġenza fl-Irlanda. Filwaqt li sibna żbalji b'rabta mal-proċedura ta' akkwist, li minħabba fihom l-infiq safu ineliġibbli għal finanzjament mill-UE, l-applikanti għall-ażil setgħu jingħataw akkomodazzjoni (inkluż ikliet) bis-saħħa ta' dan il-proġett.

Ovjament, huwa possibbli wkoll li nfiq ikun legali u regolari iżda, minkejja dan, ikun, jikkostitwixxi ħela. Eżempju wieħed li fil-passat irrappurtajna dwaru kien l-infrastruttura portwarja li kienet inbniet mingħajr ma nġhatat kunsiderazzjoni adegwata tal-livelli ta' merkanzija proġettati.

#### 6. L-iżbalji li nstabu jikkostitwixxu frodi?

**Fil-maġġoranza l-kbira tal-każijiet, ma għandna l-ebda indikazzjoni bħal din.** Il-frodi hija att deliberat ta' qerq biex jinkiseb vantaġġ. Għalkemm jista' jkun diffiċli biex il-każijiet ta' frodi jiġu identifikati permezz ta' proċeduri standard tal-awditjar, l-ittestjar li nwettqu tabilħaqq jiżvela għadd ta' każijiet ta' frodi suspettata kull sena.

Fl-2021, irrappurtajna 15-il każ ta' frodi suspettata minn fost is-743 tranżazzjoni li awditjajna. Aħna rrapurtajna dawn il-każijiet lill-OLAF, l-Uffiċċju tal-Unjoni Ewropea ta' Kontra l-Frodi, li jinvestiga u jagħti segwitu kif meħtieġ f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Istati Membri. Każ minnhom ġie rrapurtat b'mod parallel lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), flimkien ma' każ addizzjonali li kien ġie identifikat fl-2021.

#### 7. Xi jfissru "żball pervażiv" u nfiq "b'riskju għoli"?

Kważi żewġ terzi tal-infiq tal-baġit tal-UE fl-2021 kien meqjus bħala nfiq b'riskju għoli. Filwaqt li nistmaw li l-livell ta' żball għall-infiq totali huwa ta' 3.0 %, dan jiżdied sa 4.7 % meta l-infiq b'riskju għoli jiġi eżaminat b'mod iżolat. Minħabba l-piż sostanzjali ta' dan it-tip ta' nfiq taħt l-infiq totali (63.2 %), aħna nqisu li l-iżball huwa pervażiv, jiġifieri preżenti fi ħdan il-popolazzjoni kollha li awditjajna jew f'**parti sinifikanti** minnha.

Infiq b'riskju għoli jirreferi prinċipalment għar-**rimborż mill-UE** tal-ispejjeż eliġibbli għal attivitajiet eliġibbli (skont regoli kumplessi). Pereżempju, jsiru rimborżi għal proġetti ta' riċerka (taħt "Suq uniku, diġitali u innovazzjoni"), investment fl-iżvilupp reġjonali u rurali ("Koeżjoni, reżiljenza u valuri" u "Riżorsi naturali u ambjent"), u proġetti ta' għajjnuna għall-iżvilupp ("Viċinat u d-dinja").

Din is-sena, il-proporzjon ta' dan it-tip ta' nfiq żdied għal 63.2 % (meta mqabbel ma' 59.0 % fl-2020).

Infiq b'riskju aktar baxx jirrigwarda **pagamenti bbażati fuq drittijiet**, li jsiru lil benefiċjarji li jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet (inqas kumplessi). Pereżempju, pagamenti ta' dan it-tip jinkludu fellowships għall-istudenti u għar-riċerka (taħt "Suq uniku, diġitali u innovazzjoni"), għajjnuna diretta għall-bdiewa ("Riżorsi naturali u ambjent") kif ukoll salarji u pensjonijiet għall-persunal tal-UE ("Amministrazzjoni pubblika Ewropea").

#### 8. X'inhija opinjoni "favorevoli/kwalifikata/aversa"?

Opinjoni "**favorevoli**" tfisser li ċ-ċifri fil-kontijiet jippreżentaw stampa vera u ġusta, u jsegwu r-regoli tar-rappurtar finanzjarju u tal-ġestjoni finanzjarja. It-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Opinjoni "**kwalifikata**" tfisser li l-awdituri ma jstgħux jagħtu opinjoni favorevoli, iżda li l-problemi identifikati mhumiex pervażivi.

Opinjoni "**aversa**" tindika problemi mifruxa.

#### 9. X'inhuwa livell "materjali" ta' żball?

Fit-terminoloġija tal-awditjar, dan ifisser il-livell li **'l fuq minnu l-iżbalji jitqiesu bħala li għandhom effett sinifikanti**. Livell materjali ta' żball huwa wieħed li x'aktarx jinfluwenza t-teħid ta' deċiżjonijiet mill-utenti intenzjonati ta' rapport tal-awditjar. Kemm aħna kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea nużaw **soll ta' 2 %** biex niddeterminaw il-materjalità.

#### 10. Għaliex ir-Rapport Annwali jiġbed l-attenzjoni għar-riskji relatati mal-pakkett ta' għajjnuna għall-COVID-19?

Il-pandemija tal-COVID-19 se jibqa' jkollha impatt sostanzjali ħafna fuq il-finanzi tal-UE: għall-perjodu finanzjarju 2021-2027, l-allokazzjoni ta' finanzjament ikkombinata mill-istrument NextGenerationEU (NGEU) u mill-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) se tkun ta' EUR 1 824 biljun, **kważi d-doppju tal-ammont ta' nfiq** fil-perjodu preċedenti tal-QFP.

Fl-istess ħin, l-assorbiment tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) mill-Istati Membri kompli b'ritmu li baqa' aktar bil-mod milli ppjanat. Madankollu, fl-2021 żdied l-assorbiment tal-finanzjament taħt il-FSIE għall-perjodu 2014-2020 Sa tmiem l-2021, kien tħallas biss 67 % tal-finanzjament mill-UE li kien ġie maqbul għall-perjodu 2014-2020.

L-**impenji pendenti** laħqu ammont rekord ta' EUR 341.6 biljun: EUR 251.7 biljun kienu relatati mal-baġit tal-UE (tnaqqis minn ammont għoli storiku ta' 303.2 biljun fi tmiem l-2020) u EUR 89.9 biljun kienu relatati mal-NGEU f'impenji pendenti ġodda.

L-esponiment totali tal-baġit tal-UE għal **obligazzjonijiet kontinġenti żdied** minn EUR 131.9 biljun fl-2020 għal EUR 277.9 biljun fl-2021. Dan kien dovut prinċipalment għall-EUR 91.0 biljun li nħarġu f'bondi għall-finanzjament tal-pakkett NGEU fl-2021, u żieda ta' EUR 50.2 biljun f'assistenza finanzjarja pprovduta lill-Istati Membri sabiex iħarsu l-impjegji u l-ħaddiema milquta mill-pandemija.

Ir-Rapport Annwali 2021 tal-QEA huwa disponibbli b'24 lingwa tal-UE fuq [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu).